MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tat-30 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 386/2010

Kawza fil-lista: 33

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

**Preambolu**.

Rat ir-rikors guramentat tal-atturipprezentat fit-8 ta' Novembru 2010; ir-risposta mahlufa u l-kontro-talba tal-konvenuta ipprezentati fit-12 ta' Jannar 2011; u r-risposta guramentata tal-attur ghall-kontro-talba tal-konvenuta pprezentata fit-18 ta' Jannar 2011.

Rat li fis-seduta tas-6 ta' Frar 2013 il-partijiet iddikjaraw illi kienu resqu fuq kuntratt ta' separazzjoni konsenswali u li l-

uniku pendenza li kien ghad baqa' bejniethom kienet dwar it-talba tal-attur li jkun hemm kura u kustodja kongunta tal-partijiet dwar binthom minuri D li twieldet fid-9 ta' Frar 2004 u dwar l-access tal-missier ghall-minuri.

Rat in-nota kongunta tal-partijietipprezentata fil-25 ta' Frar 2013 li permezz taghha ipprezentaw kopja legali tal-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejniethom tas-6 ta' Gunju 2012 in atti Nutar Dottor Reuben Debono fejn fil-hames klawsola jinghad dan li gej:-

“5. Illi fir-rigward tat-tifla minuri D B, il-partijiet qed jiddikjaraw li hemm kawza pendent quddiem Il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) bin-numru 386/10NC fejn filwaqt li l-partijiet qeghdin icedu in parti dina l-kawza, ghandha titkompla fil-prosegwiment taghha in kwantu ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-minuri u ghalhekk il-kwistjonijiet l-ohra kollha ad eskluzjoni tal-minuri qeghdin jigu miftehma bejn il-partijiet permezz ta' dana l-att;

6. Inoltre, l-partijiet jiddikjaraw li fir-rigward tal-kawza sucitata fil-paragrafu precedent dina ghandha tibqa' minghajr taxxa fir-rigward tal-punti kollha bl-eccezzjoni ta' dak li jikkoncema l-bint minuri tal-partijiet”.

Rat illi fin-nota kongunta imsemmija il-partijiet iddikjaraw illi “….lahqu ftehim dwar il-kwistjonijiet fir-rigward ta' binthom rninuri D u ghalhekk jitolbu umilment u bir-rispett sabiex joghgobha tinkorpora dan il-ftehim f'sentenza finali. Inoltre, il-partijiet jinformaw lil dina l-Onroabbli Qorti li l-pendenzi l-ohra gew diga maqbula skond il-kuntratt ta' separazzjoni datat 6 ta' Gunju 2012 fl-Atti tan-Nutar Reuben Debono.”

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza fuq il-mertu pendenti bejn il-partijiet fir-rigward tal-minuri kif transat u rifless fin-nota kongunta imsemmija.

Ikkunsidrat illi l-ftehim milhuq bejn il-partijiet fir-rigward tal-minuri huwa fl-ahjar interess tal-istess minuri.

**Decide**.

Illi in vista tat-transazzjoni milhuqa bejn il-partijiet fir-rigward tal-minuri qed tiddisponi minn din il-kawza bil-mod segwenti:-

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet attrici, tat-talbiet rikonvenzjonali, u tal-eccezzjonijet rispettivi hlief dawk li jirrigwardaw lill-minuri D..

2. Tiddisponi mit-talbiet attrici u mit-talbiet rikonvenzjonali fir-rigward tal-minuri billi:-

1) Tordna illi l-kura u l-kustodja tal-minuri tkun wahda kongunta bejn il-partijiet, b'dan li d-decizjonijiet kollha fir-rigward tas-sahha, edukazzjoni, religjon u trobbija ghandhom jittiehdu mill-partijiet konguntivament.

2) Tordna lill-attur sabiex ihallas is-somma ta’ s-somma ta' mitejn u hamsin ewro (€250) fix-xahar lill-konvenuta bhala manteniment versu t-tifla minuri li jinkludi wkoll l-ispejjez kollha ta' sahha u edukazzjoni kif ukoll l-attivitajiet extra kurrikular tal-minuri. Tali manteniment jizdied kull sentejn skont l-indici tal-gholi tal-hajja. Dana l-manteniment jibqa' jghaddi lill-konvenuta sakemm il-minuri taghlaq l-eta' ta' tmintax-il sena (18) jew tibda tahdem full-time skond liema minnhom tavvera ruhha l-ewwel.

3) Tordna lill-partijiet sabiex jibqghu jiehdu lill-minuri ghal sessjonijiet ta' terapija ghand il-Psikoterapista Melissa Agius a spejjez taz-zewg partijiet fi kwoti ugwali u l-access tal-missier ghandu jigi regolat skond is-sugerimenti ta' l-istess Psikoterapista.

4) Tobbliga lill-partijiet sabiex bl-istil ta' hajjithom u bil-komportament taghhom, iharsu u josservaw il-benessere morali tat-tfal minuri taghhom, u li bl-ebda mod ma jesponu l-istess minuri ghal xi agir u/jew cirkostanzi li jipperikolaw it-trobbija u l-izvilupp taghha. Inoltre l-minuri m’ghandiex tigi esposta ghall-partners rispettivi tal-partijiet

u dana sa kemm iz-zwieg tal-partijiet ma jigix xjolt jew annullat permezz ta' sentenza ta' divorzju jew annulament. F'kaz illi tali zwieg jigi annullat jew xjolt hekk kif spjegat f’din il-klawzola, tali impediment fir-rigward tal-minuri ma jibqax japplika salv ghall-fatt illi l-minuri fi kwalunkwe kaz m'ghandha qatt tithalla wahedha ma' persuni li m'humiex membri tal-familja tal-partijiet.

5) Illi kwalunkwe safar tal-minuri u l-hrug tal-passaport ghall-istess ikun jehtieg il-kunsens espress preventiv taz-zewg partijiet bil-miktub. Fid-dokument ta' kunsens irid jigi indikat il-perjodu ta' dak il-vjagg partikolari u l-pajjiz/pajjizi mahsuba f’dik is-safra. Safar ma’ entitajiet edukattivi jew kulturali fejn il-minuri ma tkunx akkumpanjata minn xi wiehed mill-genituri jehtiegu l-kunsens espress taz-zewg genituri jew, fin-nuqqas ta' kunsens, awtorizzazzjoni mill-Qorti tal-Familja.

Spejjez bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------